# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF

# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 13 ta' Lulju, 2017**

**Kawza Numru: 29**

**Rikors Numru: 177/2010JPG**

**Carmen (ID 111064M) u Carmel sive Charles Azzopardi (ID 205854M)**

**VS**

**Joseph Borg (ID 53871M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmen u Carmel sive Charles Azzopardi datat 24 ta' Frar 2010, a fol 1 et seq, li jaqra hekk;

1. *Illi l-intimat gie mqabbad jaghmel xogholijiet ta' elettriku u ta' plumbing fid-dar tar-rikorrenti 13, "Pixxispada", Triq J. Kepler, Kortin, Mellieha u dan kif jirrizulta mill-kontijiet u l-ircevuti li huma hawn annessi f'inkartament immarkat dokument A;*

2. *Illi tul il-kors tax-xoghlijiet, ir-rikorrenti tat lill-intimat diversi pagamenti akkont tal-prezz u sahansitra tatu rigal meta lesta x-xoghlijiet;*

3. *Illi wara li x-xoghlijiet tlestew ir-rikorrenti rrikonciljat il-pagamenti maghmula max-xoghlijiet li kienu filfatt saru u sabet li kienet hallset lill-intimat aktar minn dak li kien dovut;*

4. *Illi r-rikorrenti talbet lill-intimat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tal-ammont zejjed imhallas indebitament minnha izda dan irrifjuta;*

5. *Illi minkejja li r-rikorrenti baqghet titlob bonarjament lill-intimat biex iroddilha l-ammont indebitament imhallas lilu dan baqa jirrifjuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-intimat jghid ghaliex m'ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:*

1. *Tiddikjara li r-rikorrenti hallset lill-intimat somma akbar minn dak li kienet lilu dovuta ghax-xogholijiet ta' elettricku u ta' plumbing fil-fond tar-rikorrenti 13, "Pixxispada", Triq J. Kepler, Kortin, Mellieha, liema somma akbar qieghda tinzamm indebitament mill-intimat;*

2. *Tillikwida s-somma mhallsa indebitament lill-intimat kif fuq jinghad okkorendu bl-ghajnuna ta' perit/I nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata;*

*Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat qabel il-presentata ta' dan ir-rikors u ta' diversi ittri bonarji mibughta qabel din il-kawza;*

*B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti f'dan ir-rikors;*

*L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata 25 ta' Marzu, 2010 a Fol 122 li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

2. *Illi kontrarjament ghal dak li qed jitolbu l-atturi, l-konvenut kien baqghalu jiehu bilanc ta' tmien mija u tnejn u tmenin Ewro u sebghin centezmu (€882.70) kif jirrizulta mill-istess dokumenti ezebiti mill-atturi, imma hu qatt ma talabhomlha u dan biex izomm il-kwiet ma' l-istess atturi, u dan apparti x-xoghol li wettaq minghajr hlas fis-Sajf ta' l-2009;*

3. *Salv ragunijiet ohra li johorgu mill-istess mertu tal-kawza stante li huwa kien jithallas paga ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900) fix-xahar talli jiehu hsieb il-villa bissa u dan apparti l-hlas tax-xoghol ta' dawl u ilma u dranagg u l-hlasijiet tal-materjal extra bhal torba, cement u affarijiet ohrajn ancillary u li meta tahdem dan kollu kif gia nghad huwa kien baqghalu bilanc x'jiehu ta' tmien mija u tnejn u tmenin Ewro u sebghin centezmu (€882.70);*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra;*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' Gunju, 2010 a Fol 127 tal-process li permezz tieghu gie nominat Dr Renald Micallef bhala Espert Komputista.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat ir-rapport tal-Espert Komputista Dr. Renald Micallef.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi fis-sena 2007, ir-rikorrenti kienet ikkomissjonat lill-intimat sabiex jaggixxi ta' *project manager* fil-bini tal-villa taghha fit-13, "Pixxispada" Triq J Keppler Kortin,

Mellieha; u sabiex ghaddilha d-dawl u l-ilma liema kompitu kien gie finalizzat ghall-ahhar tas-sena 2008. Dan il-ftehiem kien sar verbalment. Matul ix-xogholijiet, l-attrici kienet hallset lill-konvenut diversi pagamenti kemm permezz ta' cekkijiet kif ukoll kontanti. Bejn il-partijiet ma kienx hemm il-prattika li tintalab jew li tinghata ircevuta ghal dawn il-pagamenti; l-anqas ghal dawk imhallsa b'kontanti. Dawn il-fatti m'humiex ikkontestati mill-partijiet.

Ir-rikorrenti sostniet illi meta irrikonciljat il-konteggi rrealizzat illi kienet hallset lill-intimati ammont izjed minn dak li kien dovut. Minn naha tieghu, l-intimati jikkontendi illi mhux talli dan mhux minnu, izda talli r-rikorrenti hallsitu ammont inqas minn dak dovut, izda hu ma tkellem xejn.

Mir-rapport tal-Espert Komputista jirrizulta illi l-partijiet ghandhom divergenza fuq is-segwenti punti:

| | ATTRICI Isostni | KONVENUT Isostni | DIFFERENZI |
|---|---|---|---|
| I) | Li hallset lill-konvenut €188,309.96 | Li rcieva minn ghand l-attrici €144,448.7 | €43,861.25 |
| II) | Li l-valur tal-appalt kien ta' €80,860.47 | Li l-valur tal-appalt kien ta' €82,958.9 | €2,098.43 |
| III) | Li l-valur tal-paga kellha tkun €36,337.6 | Li l-valur tal paga kellha tkun €50,314.46 | €13,976.87 |
| IV) | Li l-valur tal-materjal mixtri li halset kien ta' €12,991.24 | Lil-valur tal-materjal mixtri li thallas ghalih kien ta' € 11,519.21 | (€1,472.53) |
| V) | **L-attrici ghaldaqstant allegatament hallset lil-konvenut €58,120.65 izjed** | **Fil waqt li l-konvenut jidher li ghad ghandu jiehu €343.87** | **€58,464.52** |

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tezamina ix-xhieda moghtija rigward kull wahda minn dawn il-kwistjonijiet.

I. L-ammont imhallas

**Ir-rikorrenti,** b'referenza ghall-prospett ezebit mill-istess attrici a fol 136 rigward pagamenti maghmula minnha lill-intimat fl-14 u s-27 ta' Frar 2008, ikkonfermat illi kien dak li hemm imnizzel fid-dokument preparat mill-intimat u ffirmat minnha li jinsab ezebit a fol 40 li kien korrett, u cioe illi l-pagamenti li ghaddiet ma' kienux ta' €1,500 fiz-zewg okkazzjonijiet, izda ta' Lm1,500 (ekwivalenti ghal (€3,494.06)) u Lm2,000 rispettivament.

Rigward l-ammont ta' Lm15,000 mis-somma ta' Lm50,000 li r-rikorrenti kienet tat lil intimati fi Frar 2007, li l-intimat jghid li kien rega ta lura lir-rikorrenti f'Marzu 2007/2008 biex ir-rikorrent tikkonvertihom f'ewros u terga taghtihomlu, r-rikorrenti nnegat illi hija kienet qatt rcievet dawn il-Lm15,000 lura.

Permezz tal-affidavit taghha, u b'referenza ghal din is-somma ta' Lm 50,000 ir-rikorrenti xehdet li ghaddiet dawn il-flus bhala garanzija ghal hlas tal-paga, sabiex l-intimat ikollu sabiex jixtri il-materjal, kif ukoll bhala depositu ghax-xoghol tad-dawl u ilma li kien gie inkarigat li jghaddi. Hija cahdet kategorikament li qatt talbet xi flus lura sabiex taqlibhom f'ewro jew li nghatat Lm15,000 lura minn dawn.

Fir-rigward tal-ammont ta' €2,000 li r-rikorrenti qalet li hallset lill-intimat fid 9 ta' April 2008 permezz ta' cekk numru 736, ir-rikorrenti prezentat kopja tal-istess cekk li juri li dan kien pagabbli lil Charmaine Borg, il-mara tal-intimat.

Xehdet ukoll fl-affidavit taghha, illi l-ahhar pagament li kienet ghamlet lill-intimat, kien sar fit-2 ta' Frar 2009, permezz ta' cekk, fis-somma ta' €7,237 (Dok XX). Spjegat li dan il-pagament kien sar ghaliex l-intimat kien qailha li kien fadal pagament tad-dawl u ilma, u hi kienet wiegbitu illi kienu ghadhom ma ccekjawx il-kontijiet, li ntbaghtu f'Jannar 2009.

Permezz ukoll tal-affidavit taghha, spjegat meta ghamlet il-konteggi indunat li kienet ghaddiet is-somma ta' **€193,460.65** lill-intimat, li kien ammont oghla minn dak li l-intimat

kien intitolat ghalih u ziedet li hi kienet infurmatu b'dan fil 31 ta' Lulju 2009 permezz ta' ittra u talbitu li jiltaqghu sabiex jirrangaw id-diskrepanzi fil-kontijiet.

**In kontro-ezami,** mitluba tispiega d-differenza bejn is-statement li hi prezentat fol 134 fejn hemm miktub li hi kienet ghaddiet lil-konvenut €188,309.95 u fl-affidavit taghha (Dok RM 5) fejn qalet li kienet ghaddiet lil-konvenut €193,460.6, r-rikorrent wiegbet li ma hemmx differenza.

B' referenza ghall-dokumenti annessi mall-affidavit tal-konvenut DOK RM 3 mistoqsija min kien ipprepara dawn id-dokumenti annessi, l-attrici wiegbet li l-ahhar zewg pagni (DOK JB 1 u 2) kienet ippreparathom hi stess izda l-ewwel zewg pagni (fol 27 u 28) kien taghhomlha l-intimati.

Mistoqsija tispjega jekk il-figura ta' (Lm) 21,600 kienitx il-paga, l-attrici wiegbet li dik il-figura ma kienitx kallegrafija taghha. Mistoqsija tikkonferma li l-€4000, murija f'linja 44 tal "xl" sheet presentata mill-Espert Komputista (DOK RM 1), **kienu moghtija lill-intimat bhala rigal, hi wiegbet li qatt ma taghat rigali lill-konvenut.**

Mistoqsija tispejga il figura ta' Lm35,000 cash fl-istatement fol 28, l-attrici wiegbet li dak l-istatement ma kienx maghmul minnha ghalkemm dak id-dokument ipprezentatu hi.

**Fuq domandi tal-Espert Komputista** l-attrici xehdet li l-konteggi li jidhru a fol 27 u 28 illi ma kienitx ippreparathom hi izda Dok JB 1[1] u Dok JB 2[2] ippreparathom hi, izda fejn hemm mahduma is-somma ta' Lm 21,600 f'Dok JB2, dik ma kienitx il-kalligrafija taghha.

**L-intimat** ikkonferma li fl-14 ta' Frar 2008 u 27 ta' Frar 2008 huwa ircieva €3,494.06 u €4,658.75 u mhux €1,500 u €1,500.

Meta gie mistoqsi jikkonferma li rcieva s-somma ta' hamsin elf Liri Maltin (Lm 50,000) minghand ir-rikorrenti fit-25 ta' Frar 2007 kif juri d-dokument fol 41, hu wiegeb fl-affermativ izda qal li proprja dawn kien ircevihom fil-11 ta' Novembru 2006. Meta gie mistoqsi ghaliex fin-nota tieghu huwa ikkonferma biss hamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm

[1] Vide fol 370
[2] Vide fol 371

35,000), huwa wiegeb li dan kien ghaliex hu kien ta Lm 15,000 lura lill-attrici f'Marzu tas-sena 2007 sabiex l-attrici tikkovertihom f'ewro u terga taghtihomlu. **Meta ingibditlu l-attenzjoni li ewro dahlet fil-1 ta' Jannar 2008 huwa ikkorrega li mela raddhom lura lilha f'Marzu tal-2008**, u zied illi filfatt ir-rikorrenti qatt ma kienet regghat tahomlu lura. Huwa stqarr ukoll li l-attrici ma taghtux ircevuta. Xehed illi filfatt, fir-rendikont li preparat ir-rikorrenti stess meta spiccaw **ix-xogholijiet, juri li l-s-somma li kienet taghtu kienet ta' Lm35,000 mhux Lm50,000.**

Rigward il-pagament ta' €2,000 maghmul mir-rikorrenti permezz tac-cekk numru 736, huwa kkonferma illi dan il-pagament kien ghal xogholijiet li kien ghamel hu izda li ma dahhlux fir-rendikont tieghu minhabba li kien pagabbli lil martu.

**In kontro-ezami,** mistoqsi ghalfejn kien irritorna s-somma ta' Lm15,000 lura lir-rikorrenti u jekk talabx jew inghatax ricevuta, qal illi dawn il-flus ghaddihom lill-attrici sabiex taqlibhom f-ewro u li la talab u l-anqas inghata rcevuta. Ghal mistoqsijiet ghalfejn l-attrici kienet taghtu dawn il-Lm 50,000 jekk hux bhala depositu, l-konvenut wiegeb li mhux bhal depositu izda sabiex izommhomlha u dan minghajr hlas. Mistoqsi minn meta beda juza minn dawn il-Lm 50,000 il-konventu wiegeb li ma jiftakarx izda qal li beda juzahom qabel ta' lura il-Lm 15,000, u wiegeb ukoll li meta radd lura dawn il-Lm 15,000 ma kienx faddallu izjed flus minn dawn il-Lm 50,000.

**Fuq domandi tal-Espert Komputista,** mitlub jispejga l-kalligrafija li tidher fuq Dok JB2 rigward is-somma ta' Lm21,600, l-intimat wiegeb li setghat kienet tieghu. Ghall-mistoqsija jekk Fol 27 u Fol 28 kienx ghamilhom hu, wiegeb fin-negattiv.

**Charmaine Borg,** mart l-intimat, xehdet illi meta Malta kienet qed taqleb mill-Liri Maltin ghall-Ewro, r-rikorrenti kienet marret ghandhom u talbet x'kien baqa' flus mill-hamsin elf li kienet ghaddiet lill-intimat. Dan taha lura Lm 15,000, liema somma r-rikorrenti ghadet tghodd quddiema. Xehdet ukoll li meta kienu qed jissettiljaw il-kontijiet, ir-rikorrenti dejjem Lm 35,000 semmiet, u li dawn il-kontijiet ghamlithom hi bil-kitba taghha. Fl-ahhar nett qalet li darba minnhom ir-rikorrenti kienet wasslet lill-gharusa tat-tifel u filwaqt li r-rikorrenti baqghat fil-karozza, l-gharusa tat-tifel tatha statement li allegatament kien gie miktub mir-rikorrenti fejn dan l-istess statement juri li l-intimat ha Lm 35,000 (Dok RM 3-2).

**Fuq domandi tal-Espert Komputista**, xehdet illi d-dokumenti li jinsabu a fol 27 u 28 ma kienetx ippreparathom hi, izda li dawk iz-zewg dokumenti kienet taghthomlha l-ghaursa tat-tifel tar-rikorrenti meta din kienet wasslitha bil-karrozza.

II. Il-valur tal-appalt.

Jirrizulta illi waqt is-seduti, l-Espert Komputista innota li kien hemm zball fil-kalkolazzjonijiet maghmula mill-intimati kif rapportati fid-dokument li jinsab esebit a fol 70, ghaliex skont il-kalkoli tieghu, l-ammont kellhu jkun ta' €23,185.29 u mhux ta' €25,283.83 kif jidher fid-dokument. Jirrizulta wkoll illi l-partijiet, kienu qabblu mal-Espert Komputista dwar dan u kkonfermaw illi t-total f'dan ir-rigward ghandu jkun ta' **€23,185.29**. B'konsegwenza ta' dan, **l-Espert Komputista wasal ghal konkluzjoni illi ghalhekk il-valur tal-appalt kif sostnut mill-attrici, u cioe fis-somma ta' €80,860.47 huwa korrett.**

III. Il-paga tar-rikorrenti

**Ir-rikorrenti** ikkonfermat li l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut kellu jithallas tal-appalt, tal-materjal u allowance jew paga. Meta giet mistoqsija tispjega x'kien specifikament il-ftehim dwar il-paga, hi qalet li huma ftehmu li thallas Lm 30 kuljum mit-tnejn sal gimgha, festi inkluzi mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2008 u ghalhekk l-ammont jigi €36,337.6. Xehdet ukoll illi l-ftehim dwar il-paga kien sar verbalment.

Permezz tal-affidavit taghha, kkonfermat ix-xogholijiet li hi kienet qabdet lill-intimat sabiex jaghmel u qalet li bhala "salarju" hi kienet ftehmet mal-konvenut li thallsu LM30 kuljum ghal hamest' ijiem fil-gimgha ghal sentejn u ghalhekk il-total globali ta' dan is-salarju kellu jammonta ghal €36,337.6.

**In kontro-ezami** ikkonfermat it-tezi taghha rigward il-ftehim fuq il-paga tal-intimat, u mistoqsija jekk l-intimat kienx gieli jidhol ghax-xoghol il-Hadd hi wieghbet illi setgha dahal massimu ta' zewgt ihdud f'sentejn.

**L-intimat,** mistoqsi x'kien specifikament il-fethim dwar il-paga, qal li huma ftehmu Lm 900 fix-xahar ghal sentejn u qablu fuq dan l-ammont ghaliex obliga ruhhu li jidhol anki is-sibtijiet, hdud u festi sabiex johdilha hsieb kollox. Ghalhekk l-ammont hu ta' €50,314.47 (Lm 900 ghal 24 xahar). Ikkonferma illi kien sar ftehim verbali dwar il-paga bejnu u bejn ir-rikorrenti.

Fl-affidavit tieghu xehed illi fl-ahhar ftit tax-xogholijiet, ir-rikorrenti kienet kitbet fir-rendikont taghha li kienet hallsitu bhala paga is-somma ta' Lm21,600, ekwivalenti ghal €50,328.

**Charmaine Borg,** mart l-intimat, xehdet permezz ta' affidavit illi darba fost l-ohrajn ir-rikorrenti kienet marret ghandhom u fil-presenza taghha, qablet mal-intimat li thallsu Lm 900 fix-xahar basta "*tahdem kemm tahdem, sieghat, u jekk hemm bzonn tidhol il-Hadd*".

IV. Il-valur tal-materjal mixtri

Mill-analizi tal-Espert Komputista rrizulta illi d-differenza fil-valur tal-materjal mixtri kienet ta' €1,472.53. Din il-figura kienet primarjament maghmulha minn numru ta' ricevuti indikati f'linji 126 sa 141 fil-prospett preparat mill-Espert Komputista, liema ricevuti r-rikorrenti kkonfermat li kien ghaddihomla l-intimat bhala spejjez li hu kien ghamel. L-Espert Komputista gharaf li dawn l-ircevuti ma gewx imdahhla mill-konvenut fin-nota tieghu u ghalhekk meta wiehed jinkludi dawn, tigi resolta d-differenza. L-intimat qabel ma dan.

Ghalhekk, stante l-qbil minn naha tal-intimat, **jirrizulta illi l-ammont minfuq mill-intimat bhala materjal ghandu issa jaqra €12,991.24 u ghalhekk dan issa jaqbel mal-valur tar-rikorrenti.**

**Ikkonsidrat;**

Rigward l-oneru tal-prova f'kawzi civili huwa risaput illi dan jinkombi fuq min jallega, u dan kif jinsab ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** fejn din il-Qorti diversament presjeduta irrilevat illi:

> ***"...huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."***

Ghal dak li jirrigwarda prova ta' ta' hlas jew pagament kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2003:

> ***"...ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. Ara Kollez. Vol XXXII pI p525; "Av. Dr. John Buttigieg noe -vs- Joseph Portelli pro et noe", App. Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "John Cini –vs- Rita Camilleri", App. Kumm, 28 ta' Lulju 1982.***
>
> ***Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk lammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attrici mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Ara a propozitu decizjonijiet fl-ismijiet "Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju 1970 u "Desmond Mizzi noe –vsPatrick Filletti pro et noe", Appell, 28 ta' Jannar 2000."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Zammit vs Emanuele Galea et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2003 gie rrilevat illi:

> **"[h]*uwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalita` jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, pero`, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant...*"**

**Ikkonsidrat;**

Mir-relazzjoni tal-Espert Komputista jirrizulta illi skont ir-rikorrenti, hi kienet ghamlet hlas zejjed ta' **€46,155.60**, u li din id-differenza tirrigwarda sitt pagamenti allegatament maghmula in kontanti mir-rikorenti, kif jidher mis-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Pagament 1. allegat li sar fil-9 ta' Dicembru 2007 | € | 2,038.20 |
| Pagament 2, allegat li sar fil-31 ta' Dicembru 2007 | € | 4,993.87 |
| Pagament 3, allegat li sar fil-31 ta' Mejju 2008 | € | 2,059.41 |
| Pagament 4, allegat li sar fil-21 ta' Awwissu 2008 | € | 1,817.00 |
| Pagament 5, allegat li sar fil-21 ta' Awwissu 2008 | € | 305.98 |
| Pagament 6, allegat li sar fil-25 ta' Frar 2007 | € | 116,468.67 |

Minn dan l-ammont jrid jitnaqqas l-ammont ikkonfermat

mill-konvenut

| | |
|---|---|
| Dwar pagament 6 | € 81,528.06 |
| **TOTALI** | **€ 46,155.07** |

Fir-rigward tal-pagamenti 1 – 5, l-intimat jinnega li hu qatt ircieva dawn l-ammonti, filwaqt li minn naha taghha ir-rikorrenti pprezentat biss karti b'notament ta' allegat pagament fuqhom, li uhud minnhom jirrizulta biss ammont minghajr ebda spiegazjoni

ulterjuri (e.g. Fol 91), u ma gabet l-ebda prova ohra sabiex tikkorobora l-allegazzjoni ta' hlas taghha.

Rigward il-pagament ta' €116,468.67, li minnu l-intimat jikkonferma li rcieva biss € 81,528.06, gie ssollevat il-fatt li dan l-ammont jidher fir-rendikont a fol 28 ipprezentat mir-rikorrenti stess. Meta giet mistoqsija dwar dan, ir-rikorrenti cahdet illi kienet hi li ppreparat dawn ir-rendikonti u sahqet li kien l-intimat li kien ta dawn id-dokumenti. Minn naha tieghu, l-intimat insista illi dawn kienet ghamlithom ir-rikorrenti, u dan gie kkonfermat minn martu Charmaine Borg, li ziedet li filfatt dan ir-rendikont kienet ghadditulhom ir-rikorrent mal-gharusa tat-tifel meta darba kienet waslitha d-dar.

Il-Qorti tinnota illi minkejja din il-kwistjoni tal-hlas ta' Lm50,000/Lm35,000 kienet materja kontestata ferm mill-partijiet, u minkejja li r-rikorrenti cahdet li d-dokumenti a fol 27 u 28 saru minnha u li ma kienux bil-kalligrafija taghha, hija ma talabitx il-hatra ta' espert kalligrafu sabiex forsi jkun hemm prova li tikkorobora t-tezi taghha. Il-Qorti tirrileva li ssibha kemmxejn stramba illi r-rikorrenti annettiet mar-rikors guramentat taghha rendikont li skont hi, ma ppreparatx, u ma taqbilx mieghu, bhala prova, u dan minghajr l-ebda spjegazzjoni. Filfatt, lanqas fl-affidavit taghha, ma tispjega li d-dokumenti a fol 27 u 28 ma preparathomx hi. Kien biss meta tqajjmet il-kwistjoni li f'rendikont prezentati mir-rikorrenti stess kien jidher li sar pagament ta' Lm35,000 mhux Lm50,000, li bdiet tallega li ma kienetx hi li preparat dawn id-dokumenti. Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rikorrenti m'hijiex kredibbli f'dan ir-rigward. Mhuwiex verosimili li r-rikorrenti, fic-cirkostanzi, ma kienitx ser tirrepudija l-istatement, kemm bhala l-awtur tieghu, kif ukoll fil-kontenut tieghu. Apparti dana kollu, huwa inverosimili li d-dokument preparah l-intimat, ghaliex skont dan ir-rendikont, kien sar hlas zejjed mir-rikorrenti, fatt illi l-intimat cahad sa mill-bidu nett, anzi minn qabel ma bdew dawn il-proceduri. Di piu' dan ir-rendikont jaghmel kalkolu ta' hlas tal-paga tal-intimat a bazi tal-ftehim **allegat mir-rikorrenti**, u mhux mill-intimat.

Barra minn hekk, il-Qorti rat illi **ghalkemm fir-rikors guramentat taghha stess** (premess 2) **ir-rikorrenti isostni li kienet tat rigal lill-intimat fis-somma ta' Lm4,000**, in kontro-ezami imbaghad **tikkontradici lilha nnifisha** u tinnega li qatt tat dan ir-rigal.

Dan jimmina serjament il-kredibilita in generali tar-rikorrenti, li tidher li hi lesta tbengel il-verita' sabiex tagevola l-verzjoni taghha. Ghalhekk, in vista tal-provi fjakki li pprezentat rigward il-pagamenti l-ohra maghmula in kontanti, u n-nuqqas ta' kredibbilita tar-rikorrenti, u fid-dawl tal-principji hawn fuq imsemmija, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma resqitx provi sufficenti rigward l-ammont allegatament imhallsa zejda minnha fir-rigward tal-€50,000.

**Ikkonsidrat;**

Jidher li hemm divergenza bejn il-partijiet rigward il-quantum tal-paga tal-intimat. Id-differenza fil-paga tohrog mill-fatt li r-rikorrenti allegat li l-paga miftehma kienet ta' Lm 30 kulljum ghal gimgha ta' hamest ijiem ghal sentejn li allura kellha tammonta ghal **Lm 15,600** jew **€36,338.23.** Mill-banda l-ohra, l-intimat allega li l-paga miftehma kienet ta' **Lm 900** fix-xahar ghal sentejn hekk allura total ta' **Lm 21,600** jew **€50,314.46.**

Ghalkemm il-Qorti hi rinfaccata bit-testimonjanza tal-mara tal-intimat li tikkorobora t-tezi ta' zewgha, l-Qorti tqis illi paga fl-ammont ta' disgha mitt Lira (Lm 900) fix-xahar ghal Project Manager fl-2007/2008 mhijiex paga verosimili fil-qwantum taghha u m'ghandhiex mis-sewwa.

Din il-paga ghandha titqies ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-intimat kien, fl-istess hin, qieghed iwettaq xoghol ta' plumbing u electricity, f'ammonti konsiderevoli anke straordinarji. - Kif jidher minn fol 182 sa 195.

Il-Qorti tinnota illi r-*rates* u l-*quantities* ma gewx verifikati minn Perit u ebda wiehed mill-partijiet ma talab ghal tali verifika.

Illi meta tqis illi ghal mano d'opera tal-intimat bhala plumber/electrition, gew mhallsa di piu' minn ghoxrin elf Liri Maltin (**Lm 20,000**) - (vide fol 188 u 192A), b'rati li jmorru lura ghaxar snin u mhux dawk vigenti, u dana apparti, x-xiri tal-materjali – certament li mhuwiex verosimili li l-intimat jinghata Lm 900 fix-xahar oltre l-ammont ta' flus li kien qed jippercepixxi bhala plumber u electrition ghall-istess perjodu.

Fil-fatt is-somma ta' Lm 30 kull jum hija mhux biss verosimili ghax-xogholijiet izda fic-cirkostanzi anke generuza.

Illi l-Qorti tqis ghalhekk illi l-paga ghaz-zmien rilevanti kienet ta' Lm15,600 cioe, €36,337.60 waqt illi l-attrici effettivament hallset €50,314.46 (– vide ammonti indikati a fol 338 Tabella 2 III tal-Perit Komputista).

Ghaldaqstant sar *overpayment* ta':

€50,314.46-
€36,337.60
€13,976.86

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici limitatament u tillikwida s-somma mhallsa indebitament lill-intimat fl-ammont ta' tlettax il-elf, disgha mija u sitta u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€13,976.86) u tikkundanna lill-intimat jhallas lill-attrici s-somma ta' tlettax il-elf, disgha mija u sitta u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€13,976.86) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, waqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat u tichad limitatament l-eccezzjonijiet l-ohra.

Spejjes huma a karigu tal-attrici kwantu ghal due terzi, (2/3) u kwantu ghal terz (1/3) a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**